MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 199/1998/3

**MALTACOM p.l.c.** u b'Nota tad-29 ta' Novembru, 2007, isem il-kumpannija attriċi nbidel għal GO p.l.c.

vs

Emanuel **VELLA**, u b'degriet tat-28 ta' Ottubru, 2003, issejħu fil-kawża Adelina Sacco u Connie Abdilla

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-28 ta' Jannar, 1998, li bih u għar-raġunijiet hemm fih imfissra, l-kumpannija attriċi talbet li l-imħarrek, bħala abbonat għas-servizzi telefoniċi tagħha bil-linja numru 432724 fil-post 23, Triq l-Għarusa tal-Mosta, il-Mosta, iħallasha s-somma ta' għaxart elef mitejn u tlieta u għoxrin lira Maltija u tmienja u għoxrin ċenteżmi (Lm 10,223.28) dovuti bħala prezz ta' sejħat, kera tal-linja telefonika, xogħol żejjedta' manutenzjoni, u taxxa fuq il-valur miżjud;

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-11 ta' Diċembru, 1998, li biha laqa' għall-azzjoni attriċi billi, preliminarjament, qal li l-azzjoni tressqet wara għeluq iż-żmien meta setgħet titressaq u wkoll li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex il-kumpannija attriċi kienet għarfet lill-kerrejja tal-post, waħda Adelina Sacco, u lil waħda Connie Abdilla li daħlet garanti ta' din, u lil dawn il-kumpannija attriċi ma ħarrkithomx. Talab is-sejħa fil-kawża ta' Sacco u Abdilla. Fil-mertu, laqa' billi qal li l-kumpannija attriċi kienet għarfet lil Sacco bħala d-debitriċi tagħha, billi hu ma kienx juża l-post fejn kien mogħti s-servizz telefoniku li dwaru saret il-kawża, u billi l-ammont mitlub ma jirriflettix it-telefonati li jingħad li saru mill-imsemmi post;

Rat id-degriet tagħha (diversament presjeduta) tat-12 ta' Mejju, 1999[1], li bih ordnat lill-kumpannija attriċi tressaq kopji ta' atti ġudizzjarji għall-finijiet tal-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek;

Rat is-sentenza tagħha (diversament presjeduta) tas-26 ta' Jannar, 2000[2], li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-imħarrek dwar il-preskrizzjoni, liema sentenza kienet konfermata b'dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001[3];

Rat id-degriet tagħha tat-28 ta' Ottubru, 2003[4], li bih u fuq talba magħmula mill-imħarrek bir-rikors tiegħu tal-20 ta' Ġunju, 2003[5], ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Adelina Sacco u ta' Connie Abdilla, bi spejjeż għall-imħarrek;

Rat illi l-imsemmija Sacco u Abdilla, għalkemm notifikati kif imiss bl-Att taċ-Ċitazzjoni[6], naqsu li jressqu Nota tal-Eċċezzjonijiet fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u b'hekk waqgħu kontumaċi;

Rat ix-xhieda kollha mogħtija mill-partijiet quddiem il-Qorti;

---

[1] Paġ. 19 tal-proċess
[2] Paġġ. 40-4 tal-proċess
[3] Paġġ. 77 sa 83 tal-proċess
[4] Paġ. 141 tal-proċess
[5] Paġ. 139 tal-proċess
[6] Paġ. 142 *tergo* tal-proċess

Rat il-provi dokumentali mressqin fl-atti mill-partijiet;

Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Frar, 2005[7], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi, u tat żmien lill-partijiet biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom b'noti, liema żmien ittawwal b'degriet ieħor fid-9 ta' Marzu, 2005, fuq talba tal-kumpannija attriċi;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-kumpannija attriċi fit-18 ta' Marzu, 2005[8];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-imħarrek fil-21 ta' April, 2005[9], bi tweġiba għal dik tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Mejju, 2005, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal ħlas ta' servizz telefoniku mogħti lil abbonat tal-kumpannija attriċi f'post li ma kienx jgħix fih, imma li huwa kien jikri lil ħaddieħor. Il-kumpannija attriċi qegħda tfittex il-ħlas dwar telefonati magħmulin (l-aktar 'il barra minn Malta) minn dak il-post u kif ukoll għal xogħlijiet marbuta mal-għoti tas-servizz telefoniku f'linja fissa għal dak il-post;

Illi l-imħarrek laqa' billi qal li l-azzjoni attriċi waqqgħet biż-żmien tal-preskrizzjoni. Din l-eċċezzjoni ma ntlaqgħetx u appell mis-sentenza kien miċħud ukoll. Huwa laqa' billi qal li l-ġudizzju mhux sħiħ għaliex messhom iddaħħlu fil-kawża n-nies li kienu joqogħdu fil-post fiż-żmien li għalih jirreferi l-kont mertu tal-kawża, u billi l-istess persuni kienu magħrufa mill-kumpannija attriċi. B'degriet tat-28 ta' Ottubru, 2003, il-Qorti ordnat is-sejħa fil-kawża ta' Adelina Sacco u ta' Connie Abdilla. Fil-mertu, l-imħarrek laqa'

7 Paġ. 169 tal-proċess
8 Paġġ. 175-6 tal-proċess
9 Paġġ. 177A sa 181 tal-proċess

wkoll billi qal li t-talba attriċi mressqa kontrih m'hijiex mistħoqqa għaliex (a) il-kumpannija attriċi għarfet lil Adelina Sacco bħala d-debitriċi tagħha u kienet saħansitra bdiet tilqa' ħlasijiet mingħandha kull xahar biex jinqata' l-kont; (b) hu ma nqediex bl-imsemmi servizz telefoniku u lanqas bil-post fejn dak is-servizz kien jingħata; u (ċ) il-kont ma kienx jirrifletti lammont xieraq li seta' kien dovut lill-kumpannija attriċi;

Illi l-ebda waħda miż-żewġ imsejħin fil-kawża, minkejja li kienu notifikati kif imiss bl-atti tal-kawża[10], ma ressqux eċċezzjonijiet. Madankollu, huma kienu tressqu mill-imħarrek innifsu bħala xhud waqt is-smigħ tal-20 ta' Mejju, 2003[11], jiġifieri qabel ma kienu ssejħu fil-kawża;

Illi mill-fatti ewlenin li jmissu l-każ, jirriżulta li f'Jannar tal-1987[12], l-imħarrek kien talab li jingħata s-servizz ta' linja ta' telefon fil-post numru tlieta u għoxrin (23), Triq l-Għarusa tal-Mosta, fil-Mosta. L-imħarrek joqgħod f'dar numru erbatax (14) fl-istess triq. It-talba ntlaqgħet u l-post ingħata s-servizz telefoniku bin-numru 432724. L-imħarrek ħallas regolarment il-kontijiet mibgħuta sa Ġunju tal-1991[13]. F'Ġunju tal-1991[14], l-imħarrek kera l-post fejn kien hemm is-servizz mertu tal-każ lill-imsejħa fil-kawża Adelina Sacco għal żmien sena. Meta għalqet is-sena, l-kirja ġġeddet. Jidher li matul xi żmien fl-1993 saru għadd ta' telefonati għal barra minn Malta u l-kumpannija attriċi tgħid li dawn kienu jammontaw b'kollox għal Lm 13,821.90. Meta l-kumpannija attriċi bdiet tfittex għall-ħlas tal-kont tal-imsemmi servizz, saret kitba bejn Sacco u l-imħarrek fl-14 ta' Ottubru, 1993[15], li biha Sacco ntrabtet li tidħol responsabbli hi għal-imsemmi kont. Fuq l-imsemmija kitba, kienet dehret ukoll l-imsejħa fil-kawża l-oħra, Connie Abdilla, kuġina ta' Sacco[16], li ntrabtet solidalment ma' Sacco fl-obbligu tagħha li tidħol responsabbli għall-kont;

[10] Fl-4.11.2003, f'paġ. 142 *tergo* tal-proċess
[11] Paġġ. 130 – 5 tal-proċess
[12] Dok "A", f'paġ. 5 tal-proċess
[13] Dok f'paġ. 24 tal-proċess
[14] Dok "AS", f'paġġ. 126-7 tal-proċess
[15] Dok "NS2", f'paġġ. 118-9 tal-proċess
[16] Xhieda ta' Connie Abdilla 20.5.2003, f'paġ. 134 tal-proċess

Illi fit-13 ta' Ottubru, 1994[17], Adelina Sacco kitbet lill-kumpannija attriċi dwar il-bilanċ mitlub. Il-kumpannija attriċi weġbitha f'Novembru, 1994[18], u qaltilha li ma kinitx lesta taċċetta li l-bilanċ jinqata' bir-rata ta' mitejn lira Maltija (Lm 200) fix-xahar biss. Fi Frar tal-1995[19], l-imħarrek talab it-tneħħija tas-servizz telefoniku fuq in-numru msemmi mill-postijiet 21/23, Triq l-Għarusa tal-Mosta. Adelina Sacco ħarġet mill-post f'Marzu tal-1995. Sa Mejju ta' dik is-sena s-servizz kien tneħħa[20];

Illi fis-27 ta' Settembru, 1995[21], il-kumpannija attriċi interpellat lill-imħarrek b'att ġudizzjarju biex iħallas il-bilanċ li dak iż-żmien kien jidher li huwa dovut. Il-kawża nfetħet f'Jannar tal-1998;

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt li jolqtu l-każ irid jingħad li l-Qorti jeħtiġilha tistħarreġ kemm il-kwestjoni tas-siwi tal-ammont li l-kumpannija attriċi tippretendi li għandha titħallas, u kif ukoll jekk l-imħarrek – bħala l-abbonat tas-servizz – għandux iħallas hu dak l-ammont jew għandux ikun xiħadd ieħor li jħallsu. Dan l-aħħar stħarriġ sar meħtieġ minħabba l-fatt li l-imħarrek jgħid li l-kumpannija attriċi nnifisha għarfet lil ħaddieħor – preċiżament lill-imsejħa fil-kawża Adelina Sacco – bħala d-debitriċi tagħha dwar l-imsemmi kont;

Illi l-Qorti tibda billi tistħarreġ **min hu marbut li jħallas il-kont**. Il-kuntratt għall-għoti tas-servizz sar bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek. Kien hu li talab is-servizz u li ntrabat bil-kundizzjonijiet li taħthom kien jingħata dak is-servizz. Ir-rabta kuntrattwali kienet bejnu u l-kumpannija attriċi, u kien hu li talab li ismu jidher fid-direttorju bħala l-abbonat tas-servizz. Ma jirriżultax li – għaż-żmien li għalih jirreferi l-kont mertu tal-każ – dak il-kuntratt tħassar jew li, minflok, sar kuntratt ieħor b'abbonat ġdid. Il-kreditu pretiż sar fiż-żmien li l-imħarrek kien il-persuna li dwarha u fuq talba tagħha kien jingħata s-servizz telefoniku mill-kumpannija attriċi. Dan huwa l-qafas legali li din il-Qorti

[17] Dok f'paġ. 17 tal-proċess
[18] Dok f'paġ. 16 tal-proċess
[19] Dok "NS1", f'paġ. 117 tal-proċess
[20] Xhieda ta' Noel Scerri 8.5.2002, f'paġ. 111 tal-proċess
[21] Paġġ. 36-7 tal-proċess

tagħraf li kien joħloq ir-rabta ġuridika bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek;

Illi l-imħarrek jgħid li huwa ma kienx jinqeda b'dak is-servizz. Dan m'huwiex argument tajjeb biex jeħles mir-rabta kuntrattwali li huwa kellu mal-kumpannija attriċi kif hawn imfisser. L-imħarrek kien jaf li s-servizz ma kienx talbu għal post li fih kien jgħix, u jidher li saħansitra l-applikazzjoni kienet magħmula fuq formola li titkellem dwar "*business rate*", jiġifieri mhux rata domestika. Min-naħa l-oħra, l-imħarrek innifsu xehed[22] li sa minn dak iż-żmien li ressaq l-applikazzjoni, huwa kien jikri dak il-post lil terzi. Iżda kien hu li għażel li jitqies bħala l-abbonat minkejja li l-post seta' nkera lil ħaddieħor, u kien fassal arranġament fejn, għalkemm il-kont kien jinħareġ fuq ismu, kien jiġbor il-flus mingħand il-persuna li kienet tkun qegħda tikri l-post mingħandu u jmur jagħmel il-ħlas. Hekk ġara sa Ġunju tal-1991[23]. L-imsejħa fil-kawża Adelina Sacco xehdet li, matul iż-żmien tal-kirja, kienet tħallas lill-kumpannija attriċi direttament b'*bank drafts*[24], u tgħid li l-irċevuti kienu jintbagħtu lilha f'isimha[25];

Illi l-imħarrek jgħid li l-imsejħa fil-kawża Adelina Sacco kienet intrabtet li tħallas hi kull kont dwar is-servizz telefoniku. Huwa ressaq kopja tal-kitba privata li saret bejnu u bejnha fl-14 ta' Ottubru tal-1993. F'dik il-kitba, l-imsejħa fil-kawża l-oħra Connie Abdilla kienet daħlet garanti flimkien ma' Sacco dwar ir-rabta tagħha li tħallas il-kont. Jidher li, madwar sena wara li saret din il-kitba, Sacco kitbet ittra liċ-*Chairman* tal-kumpannija attriċi biex tilminta miegħu dwar il-kont (billi semmiet li dehrilha li kien eżaġerat) u ħeġġitu jibqa' jaċċetta l-ħlasijiet ta' kull xahar li kienet qaltlu li kien ilha tagħmel għal dawk l-aħħar xhur. Iżda tenniet tgħidlu wkoll "*please consider that I am not the subscriber but only the user of the line*"[26]. Ma semmietlu xejn dwar il-ftehim li kienet għamlet sena qabel mal-imħarrek;

---

[22] 5.11.1999, f'paġġ. 31 – 2 tal-proċess
[23] Ara d-dok. "RFA1", u x-xhieda tal-imħarrek 24.6.2004, f'paġġ. 24 u 156 tal-proċess
[24] Xhieda tagħha 20.5.2003, f'paġ. 132 tal-proċess
[25] *Ibid.* fol. 133
[26] Dok "SFZ", f'paġ. 167 tal-proċess

Illi l-imħarrek qiegħed jgħid li seħħet **novazzjoni**. Huwa ma jiċħadx li kien hemm kont li ried jitħallas, imma jgħid li hu nħeles mir-rabta li jħallsu bis-saħħa tal-kitba li kien għamel ma' Sacco. Kieku l-imħarrek ma kienx jagħraf li l-kont kellu jitħallas, ma kienx jagħmel l-ebda sens li jidħol fil-kitba ma' Sacco u jdaħħal lil Abdilla bħala garanti tar-rabta tagħha. Imma dik il-kitba ġabet magħha tassew in-novazzjoni li qiegħed jallega ?;

Illi n-novazzjoni li għaliha jirreferi l-imħarrek hija dik maħsuba fl-artikolu 1179(a) tal-Kodiċi Ċivili. In-novazzjoni hija kuntratt li bih il-partijiet marbuta f'obbligazzjoni iħassru dik ir-rabta b'oħra ġdida minflokha;
Illi hija r-rieda tal-liġi li n-novazzjoni trid tidher ċar mill-fehma tal-partijiet li jikkuntrattawha, u ma tistax tiġi preżunta[27]. Biex isseħħ in-novazzjoni, l-obbligazzjoni l-qadima trid tinqatel u mhux sempliċement titbiddel[28]. F'każ ta' dubju, in-novazzjoni tiġi eskluża[29]. Huwa aċċettat li l-elementi meħtieġa biex isseħħ novazzjoni oġġettiva ta' obbligazzjoni huma (a) l-eżistenza ta' obbligazzjoni preċedenti li (b) għaliha tidħol obbligazzjoni ġdida li tħassar, u mhux biss timmodifika jew tibdel[30], 'il ta' qabilha b'mod li ż-żewġ obbligazzjonijiet ikunu inkompatibbli ma' xulxin[31]. Huwa meħtieġ ukoll li jintwera li (ċ) partijiet li joħolqu l-obbligazzjoni novanti jkollhom il-kapaċita' li jikkuntrattaw[32] u li (d) kellhom il-fehma li jħassru obbligazzjoni billi jibdluha ma' oħra ġdida[33]. Dwar dan l-aħħar element, m'huwiex biżżejjed li parti waħda kellha l-*animus novandi*, biex isseħħ in-novazzjoni, għaliex dik il-fehma trid tintwera li tkun ukoll fil-parti kontraenti l-oħra[34];

Illi lanqas ma huwa biżżejjed biex jingħad li seħħet novazzjoni, li jkun intlaħaq ftehim ġdid dwar xi aspett aċċessorju tal-obbligazzjoni, għaliex b'dan ma tkunx inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, imma tkun seħħet biss

[27] Art. 1180(2) tal-Kap 16
[28] Art. 1181(1) tal-Kap 16
[29] App. Ċiv. **6.6.1984** fil-kawża fl-ismijiet ***Mizzi et noe vs Ennis*** (Kollez. Vol: **LXVIII.ii.169**)
[30] App. Ċiv. **25.5.1956** fil-kawża fl-ismijiet ***Koludrovich vs Muscat*** (Kollez. Vol: **XL.i.204**)
[31] P.A. **10.10.1950** fil-kawża fl-ismijiet ***Baldacchino vs Casinġena et*** (Kollez. Vol: **XXXIV.ii.657**)
[32] Art. 1180(1) tal-Kap 16
[33] App. Inf. **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Joanna Briffa vs Bernard Gauċi et***
[34] App. Ċiv. **27.6.1952** fil-kawża fl-ismijiet ***Frendo Randon vs Vella Gera*** (Kollez. Vol: **XXXVI.i.229**)

bidla fl-implimentazzjoni jew l-estent tagħha[35]. Fis-sustanza, f'ċirkostanza bħal din, l-obbligazzjoni oriġinali tkun tħalliet fis-seħħ[36]. Kemm hu hekk, il-fatt li tkun ingħata fakulta' lid-debitur li jibdel jew itawwal iż-żmien tal-ħlas, ma jfissirx li b'hekk tkun saret novazzjoni[37], għaliex l-obbligazzjoni ewlenija ma tkunx tneħħiet, imma għall-kuntrarju, il-bdil jew estensjoni taż-żmien jippreżumu l-obbligazzjoni;

Illi huwa minnu li l-aqwa prova li tkun seħħet novazzjoni hija ftehim miktub li jesprimi l-ħolqien ta' obbligazzjoni ġdida minflok waħda oħra ta' qabilha. Imma tista' sseħħ novazzjoni billi tinħoloq obbligazzjoni ġdida li ma tkunx formaliżżata fi ftehim miktub. F'ċirkostanza bħal din, allura, l-piż tal-prova li tkun inħolqot obbligazzjoni ġdida huwa wieħed aqwa, għaliex irid jintwera li fil-fatt kien hemm ftehim ġdid u li kien hemm il-fehma tal-partijiet li taqbel li jkun hemm tali ftehim ġdid. Dwar dan ingħad li ma hemmx għalfejn li l-*animus novandi* jkun espress, sakemm jirriżulta kjarament[38]. Fil-każ tal-lum, l-imsejħa fil-kawża allegat li r-riċevuti tal-ħlas kienu jinħarġu f'isimha. Iżda ma tressqet lanqas imqar riċevuta waħda f'dan is-sens fl-atti tal-kawża. Dan in-nuqqas idgħajjef il-kredibilita' ta' dak li qalet ix-xhud. Ċirkostanza oħra li twassal lill-Qorti biex teskludi n-novazzjoni hija l-fatt li l-imsejħa fil-kawża Sacco kienet qegħda tikkontesta l-ammont, minkejja li twettaq ħlasijiet taħt protest. Fid-dawl ta' dan, allura, hija ħaġa iebsa li wieħed jara kif seħħ "kunsens *in idem*" dwar l-obbligazzjoni, fejn waħda mill-partijiet qegħda saħansitra tikkontesta dik l-istess obbligazzjoni;

Illi fil-każ preżenti wkoll, ladarba n-novazzjoni qegħda tiġi allegata mill-imħarrek, kien jaqa' fuqu l-obbligu li jipprovaha kif imiss. Fil-fehma meqjusa tal-Qorti, l-imħarrek ma seħħlux jagħmel dan. Fl-ewwel lok, ma ntweriex li kien hemm *animus novandi* min-naħa tal-kumpannija attriċi, li, permezz tax-xhieda mressqa

[35] App. Inf. **22.6.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***John's Garage Limited vs Nicholsons The Supermarket Ltd.***
[36] P.A. **22.10.1998** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ et vs Micallef et*** (Kollez. Vol: **LXXXII.ii.142**)
[37] App. Kumm. **15.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Merċieca noe vs Grixti*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.74**)
[38] App. Ċiv. **12.6.1953** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard vs Brincat et*** (Kollez. Vol: **XXXVII.i.499**)

minnha[39], ċaħdet li qatt aċċettat li kienet ħelsitu mir-rabta kuntrattwali li kienet inħolqot bl-għoti tas-servizz. L-imħarrek innifsu jixhed ukoll[40] li l-kumpannija attriċi ma riditx iddawwar l-abbonament tal-linja minn fuq ismu għal fuq dak tal-imsejħa fil-kawża qabel ma jitħallas il-kont kollu dovut. B’żieda ma’ dan, jirriżulta li sakemm is-servizz telefoniku tneħħa mill-post, l-imħarrek kien għadu magħruf bħala l-abbonat. Daqstant ieħor jirriżulta li s-servizz tneħħa wara li kien l-imħarrek li talab li dan jiġri. Fil-fehma tal-Qorti, dawn huma kollha ċirkostanzi essenzjali li jeskludu li r-rabta kuntrattwali oriġinali kienet tħassret jew inbidlet b’oħra li mhix kompatibbli magħha;

Illi, b’żieda ma’ dan, il-kumpannija attriċi baqgħet tikteb lill-imħarrek biex jissalda l-kont minnha pretiż saħansitra wara li Sacco kienet ħalliet il-post, ukoll jekk dawn inkitbu “c/o Ms Adeline Sacco”[41]. Fil-fehma meqjusa ta’ din il-Qorti, din il-korrispondenza u oħra li għaddiet bejn il-partijiet f’dak iż-żmien ma jwasslux biex tinħoloq obbligazzjoni ġdida li teqred dik oriġinali li kienet saret bejn il-kumpannija attriċi u l-imħarrek;

Illi l-kitba li saret fl-14 ta’ Ottubru, 1993, kienet toħloq rabtiet bejn il-partijiet li dehru fuqha fir-relazzjoni interna ta’ bejniethom, u ma kinitx torbot ukoll lill-kumpannija attriċi. Tibqa’ *res inter alios acta* fil-konfront tal-kumpannija attriċi. Il-fatt li xi ħlasijiet setgħu saru direttament mill-imsejħa fil-kawża ma jwassalx għall-konklużjoni li d-debitur oriġinali – l-imħarrek – inbidel b’debitriċi ġdida, għaliex mhux kull terz li jħallas dejn ta’ ħaddieħor isir id-debitur il-ġdid ta’ obbligazzjoni, daqskemm kreditur ma jistax jirrifjuta ħlas li toffri terza persuna jekk kemm-il darba dak il-ħlas ikun ta’ vantaġġ għad-debitur[42];

Illi lanqas ma jista’ jingħad li l-aċċettazzjoni fil-kitba privata min-naħa tal-imsejħa fil-kawża Sacco li hija tagħmel tajjeb għall-kont pendenti ħelset lill-imħarrek mir-rabta li kellu mal-kumpannija attriċi, għaliex l-assunzjoni ta’ debitu waħedha ma twassalx tabilfors għall-ħelsien tad-debitur

[39] Xhieda ta’ Saviour Farruġia 20.5.2003 u 2.5.2005, f’paġġ. 137 u 171 tal-proċess
[40] Xhieda tiegħu 24.6.2004, f’paġ. 159 tal-proċess
[41] Dokti “SF2” u “SF3”, f’paġġ. 144 – 5 tal-proċess
[42] Art. 1149(1) tal-Kap. 16

mill-obbligazzjoni li huwa daħal għaliha[43]. U daqstant ieħor ma twassalx għan-novazzjoni d-delega waħedha ta' debitur ieħor magħmla mid-debitur lill-kreditur tiegħu, sakemm dan ma jkunx laqa' delega bħal dik[44], imqar ukoll jekk tali debitur delegat jiddikjara li jrid jidħol responsabbli għat-twettiq tal-obbligazzjoni[45];

Illi f'dan id-dawl, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-imħarrek waħdu huwa responsabbli għall-ħlas dovut lill-kumpannija attriċi, bla ħsara għal kull rimedju li huwa jista' jkollu kontra terzi (l-imsejħin fil-kawża) bis-saħħa ta' arranġamenti milħuqa bejniethom;

Illi għalhekk, lanqas hija mistħoqqa **t-tieni eċċezzjoni** tal-imħarrek, billi l-ġudizzju kien sħiħ bit-taħrika tiegħu waħdu f'din il-kawża;

Illi **dwar kemm hu l-ammont li tassew imissu jitħallas**, il-Qorti ssib li dan l-ammont l-iżjed li kien kontestat kien mill-imsejħa fil-kawża Adelina Sacco. Fl-ittra tagħha lill-kumpannija f'Ottubru tal-1994, ilmintat dwar kemm kien tela' l-kont u fix-xhieda tagħha[46] fissret fiex kienet tikkonsisti l-kontestazzjoni tagħha u tgħid ukoll kemm kien jidhrilha li kien l-ammont xieraq (issemmi l-ammont ta' Lm 7830[47]). B'ittra mibgħuta f'Diċembru tal-1993[48] mill-avukat li kellha Adelina Sacco dak iż-żmien, l-ilment kien mod ieħor, għaliex kien wieħed tekniku. B'ittra oħra mibgħuta f'Ottubru tal-1995[49], l-istess avukat stqarr li l-ammont kien kontestat, għalkemm il-ħlas kien qiegħed isir taħt protesta. Min-naħa tal-imħarrek, ma jidher li tressaq l-ebda lment dwar l-ammont. Għall-kuntrarju huwa jixhed li għalkemm kien wasallu l-kont il-"qawwi", ma kienx mar ikellem lill-kumpannija, iżda kien mar u qala' t-tagħmir telefoniku mill-post u talab li dan ikun "*barred*" biex ma jibqgħux isiru telefonati għal barra minn Malta, li, jidher li, minħabba fihom, kien tela' daqstant il-kont. Minflok, jidher li l-imħarrek ħassu tajjeb jistkenn taħt il-kitba li saret bejnu u

[43] P.A. TM **20.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Attard & Co. Ltd. vs M.A. Supermarkets Ltd.***
[44] Art. 1183 tal-kap 16
[45] P.A. RCP **28.6.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Galea vs Mario Hallett pro et noe et***
[46] Paġġ. 131 – 3 tal-proċess
[47] €18,239
[48] Dok "SF4", f'paġ. 147 tal-proċess
[49] Dok "SF5", f'paġ. 146 tal-proċess

l-imsejħin fil-kawża, u ħaseb b'hekk li ma kellux għalfejn iseffaq wiċċu mal-kreditur veru tiegħu dwar dak li kien pretiż bi ħlas;

Illi l-ftit ċirkostanzi hawn fuq imsemmija ma jissarrfux fi prova li twaqqa' s-siwi tat-talba attriċi dwar l-ammont dovut jew li tista' twassal lill-Qorti biex titbiegħed minn dak li l-provi attriċi juruha. Dan iwassal lill-Qorti biex issib li ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni vera u tajba għall-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni;

Illi, fis-sewwa, tajjeb li jingħad li meta l-Qorti fliet il-prospett li dwaru qegħda titressaq it-talba attriċi[50], sabet li fih hemm żball matematiku li saħansitra jmur favur l-imħarrek. Dan l-żball joħroġ meta wieħed jgħodd il-ħlasijiet akkont li saru bejn Diċembru tal-1992 u Diċembru tal-1996. L-ammont suppost jitla' għal Lm 5350, iżda l-prospett jurih bħala Lm 6050. Ladarba t-talba attriċi tinbena fuq dan l-iżball u ladarba l-Qorti hija marbuta mat-talba kif imressqa, dak l-iżball imur favur l-imħarrek;

Illi għalhekk, il-Qorti qegħda tasal għall-fehma li l-imħarrek irid iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma li tissemma fit-talba;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

Filwaqt li **tiċħad it-tieni u r-raba' eċċezzjonijiet** tal-imħarrek, billi dawn ma jirriżultawx mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' t-talba attriċi** u tikkundanna lill-imħarrek iħallas lill-kumpannija attriċi s-somma ta' tlieta u għoxrin elf, tmien mija u tlettax-il euro u erbgħa u tmenin (euro) ċenteżmi (€23,813.84)[51] minnu dovuta dwar servizz ta' linja fissa telefonika bin-numru 432734 fornita fil-post 21/23, Triq l-Għarusa tal-Mosta, Mosta, għaż-żmien bejn Diċembru tal-1992 sa Marzu tal-1995, flimkien mal-imgħax legali fuq l-

[50] Ara d-Dokti "B" u "SFY", f'paġġ. 6 u 166 tal-proċess
[51] Ekwivalenti għal Lm 10,223.28 (l-ammont mitlub fiċ-Ċitazzjoni)

imsemmija somma b’seħħ mit-28 ta’ Settembru, 1995, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Bl-ispejjeż kollha,** magħduda dawk tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta’ Ottubru, 2001, u dawk marbuta mas-sejħa fil-kawża ta’ Adelina Sacco u Connie Abdilla, jekk inhu l-każ, jitħallsu mill-imħarrek.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------